22006D0073

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 73/2007

tat-2 ta' Ġunju 2006

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-koperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim kien ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 38/2006 ta' l-10 ta' Marzu 2006[1].

(2) Huwa kunsiljabbli li l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 2113/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE bil-ħsieb li jiġi estiż il-programm fl-2006 għad-disseminazzjoni ta' prattika tajba u l-monitoraġġ ta' l-adozzjoni tat-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tat-Telekomunikazzjoni (ICTs)[2].

(3) Huwa għalhekk meħtieġ li l-Protokoll 31 għall-Ftehim jiġi emendat sabiex din l-estensjoni tal-koperazzjoni sseħħ mill-1 ta' Jannar 2006,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-sub inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fid-disa' inċiż fl-Artikolu 2(5) (Id-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim:

"- 32005 D 2113: Id-Deċiżjoni Nru 2113/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 34).'

[1] ĠU L 147, 1.6.2006, p. 58.
[2] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 34.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak ta' l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
R. WRIGHT

---

* Ebda rekwiżit kostituzzjonali m'huwa indikat.